MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 229/1980/1

Joseph Vassallo
vs
Oliver Ruggier

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ippremetta:

Illi l-konvenut ta diversi ordnijiet lill-attur biex jaqtalu blat, igorrlu hamrija u materjal u jaghmel xoghol iehor bil-gafef u bit-*trucks* kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema inkarigu gie ezegwit mill-attur.

Illi l-qtugh tal-blat sewa s-somma ta’ erbat elef sitt mija u hmistax-il lira tmintax-il centezmu u erba’ millezmi (Lm4615.18,4) u x-xoghol l-iehor kollu Lm827.00 – b’kollox Lm5442.18,4, li minnhom il-konvenut hallas in akkont Lm1360 u hekk baqqhalu jaghti erbat elef tnejn u

tmenin lira tmintax-il centezmu u erba' millezmi (Lm4082.18,4) a saldu.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbat elef tnejn u tmenin lira tmintax-il centezmu u erba' millezmi (Lm4082.18,4) a saldu ta' somma akbar ghal qtugh ta' blat, garr ta' hamrija u materjal u xoghol bil-gafef u bi *trucks* kif fuq specifikat.

Bl-interessi kummercjali mit-18 ta' Jannar 1980 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal- ta' Jannar 1980 u tal-mandat ta' elevazzjoni tad-19 ta' Marzu 1980 kontra konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-kejl imsemmi minnu huwa ezagerat u l-ammont mitlub minnu ghandu jigi kalkolat a bazi ta' zewg liri u nofs (Lm2.50)-il qasba skond il-ftehim li sar bejn il-partijiet kontendenti.

2. In kwantu ghax-xoghol l-iehor l-ammont ta' Lm827 (tmien mija sebgha u ghoxrin lira) gie arbitrarjament iffissat mill-attur u ghandu jigi verifikat peress illi jidher esagerat.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fl-24 ta' April 1981 kien gie nominat il-Perit Michael Angelo Refalo bhala perit Arkitett.

Rat ir-rapport tal-Perit Michael Angelo Refalo li fih insibu s-segwenti konkluzjonijiet:
"Konkluzjonijiet tal-Perit Arkitett Michael Refalo.

63.Ghaldaqstant, dwar it-talba tal-attur, hija l-opinjoni tal-esponent illi l-attur ipprova ampjament li ghamel diversi xogholijiet ghall-konvenut; principalment wiehed ta' entita` kbira u li gie kkuntjat mid-*draughtsman* Arthur Calleja; dwar liema kont l-esponent huwa tal-opinjoni li filwaqt li jikkonferma l-kubagg kemm mill-*area* tas-sit u kemm mill-fond ta' blat imqatta' – rispettivament mill-arja tal-varji sezzjonijiet kif skalati minn fuq il-pjanta Dok A1, u mill-varji qisien ta' fond ta' materjal imhammel u blat skavat kif innutat fuq l-istess pjanta paragunati mal-varji qisien ta' fond ta' blat skavat kif indikat mill-istess Arthur Calleja fil-kont tieghu (vide pagna 5 tal-kopja dattiloskritta tal-verbali tas-seduti, fol 15 tal-process rikostitwit); kubagg total ta' 31152.48 piedi kubi ekwivalenti ghal 1153.796 jardi kubi; pero` l-esponent huwa tal-opinjoni illi r-rata ta' Lm4-il jarda kubu li biha hadem il-kont l-istess Calleja ghandha tigi ridotta ghal Lm3.50-il jarda kubu u dana minhabba diversi fatturi ampjament rilevati fir-relazzjoni tal-esponent. Ghalhekk it-talba tal-attur ghal din il-parti tax-xoghol in kwistjoni, u cioe` Lm4,615.18,4 kif tidher mic-citazzjoni, ghandha tigi ridotta ghal 1153.796 jardi kubu x Lm3.50 u cioe` Lm4,038.28,6. U dwar ix-xogholijiet l-ohra kif elenkati fid-Dok JV1, ghalkemm l-esponent ma kienx f'posizzjoni li jivverifikahom fuq il-post, huwa tal-opinjoni illi bhala entita` javvicinaw id-deskrizzjoni taghhom moghtija mid-diversi haddiema li hadmu fihom; u wkoll, il-konvenut ma gieb ebda prova biex jikkontesthom. Inoltre, il-prezzijiet mitluba mill-attur kif indikati fid-Dok JV1 huma ferm ragonevoli.

64.A rigward l-akkonti li saru mill-konvenut lill-attur in konnessjoni max-xogholijiet kollha meritu tal-kawza odjerna, it-total indikat mill-attur fic-citazzjoni, ikkonvalidat bid-dettalji tal-varji akkonti kif johrog mid-Dok JV 2 u cioe` Lm1,360, jeccedi dak li rnexxielu jipprova l-istess konvenut, u cioe` ammont a' Lm800 konvalidati mid-dokumenti Dok P1 sa P4 a fol 59 sa 62 tal-process rikostitwit fejn id-dati huma rilevanti ghall-perjodu li fih saru x-xogholijiet in kwistjoni u fejn l-ammonti jgibu l-firma tal-attur ma' gembhom.

65.Ghaldaqstant hija l-opinjoni tal-esponent illi t-talba tal-attur ghandha tigi ridotta minn Lm4,082.18,4 ghal Lm3,505.28,6
(Lm4,038.28,6 + Lm827 – Lm1,360 = Lm3,505.28,6).

66.A rigward l-eccezzjonijiet tal-konvenut, hija l-opinjoni tal-esponenti illi:

66.1.Il-konvenut ma ppruvax illi kien hemm xi ftehim dwar il-prezz tax-xoghol eventwalment ikkuntjat minn Arthur Calleja, ghal liema xoghol wiehed ghandu jifhem li hija intiza l-ewwel eccezzjoni; u mill-provi irrizulta li l-kejl ma hux ezagerat. Izda l-esponent huwa tal-opinjoni illi l-kont ghandu jinhadem b'rata ta' Lm3.50-il jarda kubu u cioe`, la bil-prezz ta' Lm4-il jarda kubu kif hadem Calleja, u lanqas bil-prezz ta' Lm2.50-il jarda (u mhux qasba) kubu kif qed jippretendi l-konvenut.

66.2.Dan ix-xoghol l-iehor li jammonta ghal talba tal-attur ghal Lm827 jidher mill-eccezzjoni tal-konvenut li l-istess konvenut ma hux qed jikkontesta l-entita` izda l-ammont. U gja fil-paragrafu 65 tar-relazzjoni odjerna l-esponent esprima l-opinjoni tieghu dwar li dan l-ammont huwa ragonevoli."

Xehed il-Perit Michael Angelo Refalo u b'riferenza ghal stima tal-Perit Michael Falzon, semma li din kien ittrattaha fir-rapport tieghu, ghalkemm ma kienx indikaha minhabba li l-process kien gie mitluf. Hu kien ittratta l-punti li hargu mix-xhieda tal-Perit Falzon u zied li kienu d-dokument kien f'idejh ma kienx ivarja d-decizjoni tieghu. Hu qies ir-

rata bil-jarda kubu ghall-qtugh tal-blat u ma qiesx kif gie mqatta', jekk hux kbir jew zghir, u hu mexa fuq ir-rata kurrenti ta' dawk iz-zmenijiet.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Ikkunsidrat illi mid-depozizzjonjiet moghtija u mir-rapport tal-Perit Michael Angelo Refalo:

- Irrizulta car lil-attur ghamel diversi xogholijiet lill-konvenut fuq inkarigu ta' l-istess;
- Principalment ix-xoghol kbir kien f'entita` wahda li bhala kubagg kienet ta' 1153.796 jardi kubi;
- Bir-rata ta' Lm3.50 skond il-Perit Refalo, dan irid ikun tal-valur ta' Lm4038.28,6 u mhux l-ammont mitlub fic-citazzjoni (Lm4615.18,4);
- Dwar ix-xogholijiet l-ohra l-konvenut ma gabx provi kuntrarji biex jikkontestahom u prezzijiet mitluba mill-attur huma ragjonevoli u ghalhekk ghandhom jitqiesu ammontanti ghal Lm827;
- Dwar l-akkonti mhallsa mill-konvenut, dawn jammontaw ghal Lm1360;
- Meta wiehed iqis il-fatturi kollha fuq imsemmija jasal li s-somma dovuta hija ta' Lm3505.28,6 (Lm4,038.28,6 + Lm827 – Lm1,360 = Lm3,505.28,6);
- Il-partijiet ma kienux ghamlu ftehim *ad hoc* dwar ix-xogholijiet izda l-Perit applika r-rata ta' dawk iz-zmenijiet f'dawk il-lokalitajiet;
- L-ammont mitlub kien *da liquidarsi*, u infatti ma jaqbilx mal-ammont pretiz mill-attur bil-konsegwenza li l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mil-lum. Il-Qorti barra minn dak li ser tikkwota hawn taht qed tirrileva li fl-ahhar 7 snin ma sar kwazi xejn fil-process principalment tort tan-naha ta' l-attur; ukoll ghaddew hafna snin bil-process mitluf li ma jirrizultax li dan kien xi tort tal-konvenut; ukoll, fil-kors tal-kawza saru hafna differimenti fuq talba ghal differiment ta' l-attur.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha kif presjeduta fis-17 ta' Marzu 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru. 448/87FS) fejn intqal:

"Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:

**Salvatore Camilleri *noe* vs Candida Dimech *ed altri*** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:
".............*il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione*............."

**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli *noe*** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:
"*I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione*".

**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903

**Filippo Farrugia Gay vs Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali *noe*** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:
"*Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione*".

**Vincente Grech et vs Onor. Prof. AIC John Gatt *noe*** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:
" ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

**Maria Ellul Bonnici *et* vs Felice Mercieca *et noe*** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla:
"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".

**William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.

**Anthony Mercieca vs In-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani *et*** (16 ta' Dicembru, 1991):
"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".

**Anthony Buhagiar *pro et noe* vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta' Marzu, 2001.

Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax setgha jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo *nomine*** deciza fid-19 ta' Novembru 2001 inghad:
"Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza..........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.
***Omissis***
B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja <u>l-assunzjoni ta'</u>

responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:
"Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh G Valenzia] b'referenza ghal *in illiquidis non fit mora* inghad:
"Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 **Schembri vs Dr. L. Buhagiar** 28/2/1997.

Ghalhekk il-principju generali hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni

ta’ responsabilita’ ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta’ likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu.”

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li l-ammont huwa esagerat qieghedha parzjalment tigi milqugha fis-sens li minflok l-ammont mitlub, l-ammont dovut ghandu jkun Lm3,505.28,6 ossija €8165.12.

Dwar it-tieni eccezzjoni, fuq l-ammont l-iehor ta’ Lm827, din hi michuda.

Ghall-motivi fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-attur limitatament ghas-somma ta’ €8165.12, bl-imghax mil-lum.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------